**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1168/2016**

**Christopher Spiteri**

**vs**

**Malta Dairy Products Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-26 ta' Dicembru, 2016 li jghid hekk:

1. Illi permezz tal-agir arbitrarju taghha, s-socjeta intimata waqqfet lir-rikorrent milli jkompli jiggestixxi n-negozju tieghu bhala Distributur esklussiv tal-prodotti tas-socjeta intimata maghrufa bl-isem "Benne", fir-rotta tieghu maghrufa bhala n-"Numru 1" ossija dik li tforni dawn il-prodotti lill-inhawi ta' Marsascala;

2. Illi permezz ta' dan l-agir, is-socjeta intimata hija unikament responsabbli fil-konfront tar-rikorrent ghad-danni reali rapprezentanti telf tal-valur tal-avvjament tal-azjenda kummercjali tieghu flimkien ma' telf ta' qliegh kif ser jirrizulta ampjament waqt il-gbir tal-provi fil-kawza odjerna;

3. Billi interpellata tersaq ghall-hlas tad-danni hekk ikkawzati, l-intimata baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-
[i] tiddikjara lill-intimata responsabbli ghad-danni kollha ikkawzati minnha meta waqqfet lir-rikorrent milli jkompli jiggestixxi l-azjenda kummercjali tieghu u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti;

[ii] tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti prevja okkorrendo bl-opera ta' periti komputisti u esperti nominandi;

[iii] tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lir-rikorrenti, in linea ta' danni, dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru: 1812/16 kontra l-intimata illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mill-24 ta' Ottubru 2016 sad-data l-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. IIli preliminarjament il-kumpannija esponenti ma hijiex il-kumpannija intimata indikata fir-rikors promotur. Ma tezisti l-ebda kumpannija bl-isem ta' Malta Diary Products Ltd u inoltre il-kumpannija bin-numru ta' registrazzjoni C7388 (kif citata fl-okkju tar-rikors mahluf), certu Iza Co Ltd, hija jew ahjar kienet, kumpannija li giet stralcjata u mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji b'effett mis-26 ta' Mejju 2013;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:
2.1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent ghandu jindika il-bazi legali ghat-talbiet tieghu ghaliex din mhijiex indikata b'mod tar u sewwa fir-rikors promotur;

2.2. Illi fit-tieni lok, f'kaz illi r-rikorrent qieghed jitlob danni ex contractu ma jezisti ebda kuntratt illi jaghtih dan id-dritt. F'dan il-kuntest, jigi rilevat illi:
(a) L-unika kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet kien kuntratt ta' distribuzzjoni datat l-1 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu inter alia r-rikorrent kien intrabat li jixtri l-halib u l-prodotti tal-halib minghand il-kumpanija esponenti u jbiegh u jqassam l-istess halib u prodotti lill-klijenti (ftehim hawn anness u mmarkat Dok. MDP2). Ir-rikorrent, meta iffirma dan il-kuntratt, effettivament dahal fi ftehim standard li kien japplika ghad-distributuri kollha tal-esponenti, u liema ftehim standard kien beda japplika fl-2007 bi skadenza fl-2011, u b'estenzjoni awtomatika ta' sena.
(b) Ghalhekk, il-kuntratt bejn il-partijiet skada fil-31 ta' Dicembru 2011 u gie imgedded awtomatikament, skond it-termini tieghu stess, sal-31 ta' Dicembru 2012. Kien hemm imbaghad estensjoni temporanja sal-31 ta' Marzu 2013.
(c) Il-kuntratt ma ggedidx wara l-31 ta' Marzu 2013 u dan minhabba l-possibilita li certu klawsoli, partikolarment dawk li kienu jikkontemplaw diversi territorji esklussivi, ma kienux konformi mal-ligi tal-kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta).
(d) Ghalkemm il-kuntratt ma iggeddidx, sabiex id-distribuzzjoni tal-halib u prodotti ohra jibqa' ghaddej, l-esponenti baqghet tissupplixi lir-rikorrent u d-distributuri l-ohra u dawn gew infurmati li t-termini tal-kuntratt li skada kienu japplikaw 'fuq mera tolleranza'. Dan kien ifisser li l-esponenti ma kellha ebda obbligu kontrattwali li tkompli tissupplixxi u li dawk il-klawsoli fil-kuntratt (ormai skadut) li setghu kienu anti-kompetittivi ma kienux japplikaw.
(e) Ghaldaqstant l-esponenti kellha kull dritt illi fis-26 ta' Ottubru 2016 (ara l-ittra legali mibghuta lil Christopher Spiteri mill-MDP datata 25 ta' Ottubru 2016 – Dok. MDP4 annessa) li taqbad u twaqqaf minn jeddha n-negozju li kellha mar-rikorrent u ma tezisti ebda bazi legali li fuqha ir-rikorrent jista' jintavola l-kawza odjerna;

2.3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpannija esponenti kellha ragunijiet gusti u validi sabiex twaqqaf in-negozju taghha mar-rikorrent. F'dan ir-rigward jinghad illi:
(a) Ir-rikorrent kien ilu ghal zmien twil jeccedi l-kreditu moghti lilu mill-kumpannija esponenti tant li sal-25 ta' Ottubru 2016 l-ammont dovut ghall-prodotti mixtrija kien tela' ghal €215,040.36. Fil-fatt l-ittra tal-25 ta' Ottubru 2016 kienet l-ahhar wahda minn sensiela ta' hames ittri legali mibghuta mill-esponenti lir-rikorrent matul is-snin (precizament mis-7 ta' Ottubru 2013 'l quddiem) sabiex ihallas dak dovut minnu u jirregola ruhu - Ara Dok. MDP5 - MDP9 annessi);
(b) Fl-24 ta' Ottubru 2016 l-esponenti intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-istess rikorrent (numru 1548/2016) ghall-ammont ta' €213,027.33. Fil-gimghat sussegwenti il-partijiet dahlu f'diversi negozjati minghajr pregudizzju sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni ghall-vertenza ta' bejniethom billi jigi maqbul repayment plan adegwat. Il-mandat in kwistjoni gie estiz sal-24 ta' Novembru 2016 bi ftehim bejn il-partijiet u n-negozjati baqghu ghaddejin anke wara din id-data. Meta imbaghad in-negozjati sfaxxaw, ir-rikorrent Christopher Spiteri mhux biss talab li jigi revokat il-mandat ta' sekwestru surreferit (fil-fatt dan gie revokat minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Dicernbru 2016 peress li ma giex segwit b'kawza entro t-terminu legali) izda inoltre ipprezenta l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1812/2016 kontra l-intimata u sussegwentement din il-kawza, minhabba xi allegat danni li qed jghid li sofra. Dan kien l-ewwel darba li l-kumpannija esponenti semghat b'xi allegati danni. Dan jikkonsisti mhux biss f'agir abbuziv u vessatorju izda inoltre jmur kontra kull sens ta' logika meta tqis illi r-rikorrent ghandu jaghti kwazi kwart ta' miljun euro lill-intimata bhala prezz ta' prodotti li hu xtara minghand l-intimata.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni miftuha mil-attur kontra s-socjeta konvenuta wara li l-istess infurmat lill attur b’ittra tal-25 ta’ Ottubru 2016 li ma kinitx ser tibqa marbuta bil-ftehim ta’ tolleranza ta’ bejgh ta’ prodotti tal-halib b’effett mis-26 ta’ Ottubru 2016. L-attur jsostni illi din it-terminazzjoni kienet arbitrarja.

Fl-affidavit tieghu (fol. 63 tal-process) l-attur jsostni li hu self employed u kien jixtri l-prodotti tal halib minghand is-socjeta konvenuta kull gimgha u jhallas kull gimgha. Hu jzid li ghandu kuntratt mas-socjeta konvenuta fejn kull distirbutur ghandu zona fejn

ibiegh il-prodotti tal-halib pero minghajr ebda kundizzjoni kemm u lil min ibiegh fiz-zona assenjata lilu. Hu kien jithallas direttament minghand tal-hwienet ghal prodotti li jbieghlhom. Hu jammetti li s-socjeta konvenuta waqfitu mix-xoghol tieghu ghax kien lura fil-hlas lis-socjeta konvenuta u ma accetttatx diversi proposti tieghu ta' hlasijiet rateali.

Hi l-fehma tal-Qorti illi n-natura tat-talba hi determinata mil-mod kif jimpustaha l-attur. F'dan il-kaz l-attur qed isostni li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti. Mistoqsi in kontroezami dwar il-kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet hu jsostni li kien hemm distribution agreement bejn il-partijiet. Dan id-distribution agreement (fo. 17 tal-process) kien effettiv sal-ahhar ta' Dicembru 2011. Jidher li dan il-ftehim gie estiz bejn il-partijiet sal-31 ta' Dicembru 2012 u b'ittra tas-27 ta' Dicembru 2012, is-socjeta konvenuta infurmat lil attur li l-ftehim ma kienx ser jigi estiz sakemm isir wiehed gdid pero kienet qed issir estensjoni ghal tlett xhur biex fil-frattemp isir distribution agreement gdid mad-distributuri kollha. Jidher li dan id-distribution agreement gdid qatt ma sar ghalkemm l-attur ipprezenta abbozzi ta' agreements tal-2014, 2017 u 2018 fil-process 190/2017MCH (ara fol. 50 tal-process imsemmi) li ma gewx iffirmati. Nonostante dan l-istat ta' fatt il-partijiet baqghu fl-istess akkordju li kellhom dwar il-bejgh ta' prodotti tal-halib u z-zona fejn kien ibiegh il-konvenut sal-2016 meta nqalghet il-kwistjoni dwar il-hlas mankat.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici tfalli ghas-segwenti raguniijiet. Fl-ewwel lok l-attur qed jibbaza ruhu fuq distribution agreement. Pero hu indubitat li ma hemm ebda distribution agreement ezistenti bejn il-partijiet fiz-zmien li r-relazzjoni kummercjali intemmet mis-socjeta konvenuta. Kull ma kien hemm hi relazzjoni kummercjali bla ebda rbit bejn il-partijiet mhux relatat ma' xi distribution agreement miktub jew miftiehem bejn il-partijiet. Hu minnu illi l-istess attur jixhed li kien ser isir distribution agreement gdid izda qatt ma sar. Del resto l-istess distribution agreement kien jiprospetta tali ftehim gdid. L-artikolu 114 tal-Kap. 13 pero jipprovdi li ma hemm ebda rabta jekk ftehim bil-fomm kien intiz li jsir bil-miktub.

Hu minnu illi minn April 2013 sa meta s-socjeta konvenuta itterminat ir-relazzjoni kummercjali, l-attur baqa' fil-prattika jixtri l-prodotti tal-halib u jipprovdi l-istess servizz

lis-socjeta konvenuta. La darba pero ma kienx hemm distribution agreement ir-relazzjoni ben il-partijiet kellha tigi regolata skont il-ligi. Hi l-fehma tal-Qorti li r-relazzjoni bejn il-partijiet inbidlet f'wahda ta' appalt ta' provvediment ta' servizz fejn is-socjeta konvenuta kienet qed tbiegh prodotti ta' halib lil attur biex hu mbaghad iqassamhom u jbieghhom f'zoni partikolari ta' Malta. L-attur kien qed jiehu profitt bejn il-prezz li bih kien qed jixtri l-prodott minghand is-socjeta konvenuta u l-mark-up miftiehem mill-istess oscjeta fil-bejgh tal-istess prodotti lil hwienet li fuqhom u maghhom is-socjeta konvenuta ma kellha ebda relazzjoni.

La darba r-relazzjoni bejn il-partijiet mill-aspett legali inbidlet f'wahda ta' appalt ta' servizz, l-artikolu 1640 tal-Kap. 16 jistipula illi l-kommittent jista' jxolji l-ftehim meta jrid b'kull mezz minghajr il-htiega li jitlob minn qabel l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti allura hi jekk ix-xoljiment tal-ftehim li sar mis-socjeta konvenuta fic-cirkostanzi kinitx wahda gustifikata. Din hi l-kwistjoni kollha billi l-attur qed jitlob id-danni ghal xoljiment arbitrarji tal-ftehim mas-socjeta konvenuta. Ghalkemm l-attur ma jispecifikax in-natura tat-talba u fix-xiehda tieghu jsostni li d-distribution agreement baqa' fis-sehh fil-prattika mentri s-socjeta konvenuta fl-ittra tal-25 ta' Ottubru 2016 meta temmet il-ftehim kummercjali qisitu bhala ftehim b'tolleranza, hi l-fehma tal-Qorti li la parti u anqas ohra ma ghandha ragun fin-natura tar-relazzjoni kummercjali. Il-Qorti tqis li t-talba attrici qua relazzjoni kummercjali ghandha tigi inkwadrata mil-aspett ta' appalt ta' servizz.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur ma rnexxilux jipprova li t-terminazzjni tal-ftehim kien arbitrarju jew kif jghid l-artikolu 1640 li t-terminazzjoni saret 'bla raguni valida'. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Cutajar Construction Limited et vs Pierre P. Gregoire** (App 29/03/2019:

> Illi dwar il-kwestjoni tar-raguni ghaliex l-appalt intemm, jinghad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raguni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jingabar taht il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Ghalhekk, meta l-ligi ssemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din il-frazi fiddawl tal-imgiba tal-appaltatur waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fissens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt tal-appalt. "Raguni tajba", ghall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili ma tistax tinftiehem bhala "tajba ghall-appaltant ghax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jgibu fix-xejn id-

> dispozizzjonijiet ohrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;
>
> Illi bi qbil ma' dak li ghadu kemm issemma, johrog li tali nuqqas jista' jsehh jew bl-ghoti ta' xoghol hazin u mhux skond is-sengha; jew bl-ghoti ta' xoghol li, ghalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li gie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew moghti b'dewmien ezagerat jew lil hinn miz-zmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xoghol mibdi, jkun jidher li qieghda ssir hsara lill-gid tal-istess kommittent. Izda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iholl il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, minghajr ma jkun hemm kondizzjoni rizoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuza tal-ezistenza tal-kundizzjoni rizoluttiva tacita (li hija bil-ligi (art. 1068 tal-Kap. 16) meqjusa bhala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iholl il-kuntratt. F'kaz bhal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-hall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jiehu u japplika wahdu decizjoni f'dan is-sens, iqieghed ruhu fil-pozizzjoni li jrid iwiegeb ghall-appaltatur skond ma trid il-ligi flartikolu 1640(2);
>
> Illi ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li fejn l-appaltatur ma jwettaq jew ma jikkonsenja xejn mix-xoghol lilu ordnat, dan ifisser inadempiment tal-kuntratt moghti. F'kaz bhal dan, jekk kemm-il darba l-kommittent isehhlu juri li lappaltatur tassew naqas milli jwettaq l-appalt moghti lilu, huwa jista' jtemm lappalt bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili (P.A. PS 31.1.2003 fil-kawza fl-ismijiet Terence Mirabelli vs James Schembri). U meta l-appaltant, fuq raguni tajba, ikun temm il-kuntratt u gharraf lillappaltatur b'dik id-decizjoni tieghu, il-kuntratt jinhall minnufih mal-ghoti ta' dak l-avviz bla ma jkun mehtieg li l-Qorti tawtorizza jew tikkonferma tali decizjoni (art. 1640(5) tal-Kap. 16). Jidher ghalhekk li, meta l-appaltant jaghzel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt u jaghti lill-appaltatur iz-zmien ta' avviz, ma tibqax aktar il-kwestjoni ta' jekk l-appalt intemmx jew le, imma biss jekk ir-raguni li ghaliha l-appaltant sejjisx l-ghazla tieghu fuq raguni tajba jew le biex iholl il-kuntratt (P.A. PS 31.1.2003 fil-kawza fl-ismijiet Albert Sacco vs John Camilleri). B'effett ta' ghazla bhal din jiddetermina jekk l-appaltatur ikollux jedd jitlob danni minhabba l-ghazla tal-appaltant;

Applikat dan l-insenjament ghal kaz jirrizulta mil-atti u x-xiehda ta' Martin Grech, chief group financial u commercial officer, illi l-attur naqas li jhallas ghal dak li kien qed jixtri minghand is-socjeta konvenuta liema sitwazzjoni kienet ilha sejra lura mil-2013 u tella' dejn ta' €225,000 sal-ahhar ta' Ottubru 2016. Ghalkemm jidher li kien hemm trattativi fuq hlasijiet rateali pero ma kien hemm ebda ftehim minhabba li l-kondizzjonijiet ghal hlasijiet rateali ma kienux accettabbli ghas-socjeta konvenuta billi t-terminu ghal hlas kollu kien twil wisq bla ebda garanzija ta' adempiment. L-istess Martin Grech sostna li l-attur kellu hmistax-il jum minn kull invoice ghal hlas pero naqas b'mod konsistenti milli jaghmel dan. Il-Qorti ma tistax tqis li l-kommittent ma

kellux raguni tajba biex ixolji l-ftehim meta tqis it-tul ta’ zmien li fih l-attur naqas li jonora l-obbligu principali tieghu cioe l-hlas tal-prodott mixtri fiz-zmien miftiehem maqghud mal-fatt illi l-ammont tad-dejn kien wiehed gholi hafna u mhux facilment saldat iktar u iktar meta l-kondizzjonijiet tal-hlas lura ma kienux tali li jitqiesu ragonevoli fic-cirkostanzi.

Il-Qorti ma tistax taccetta li l-attur jista’ jirreklama danni ghal fatt negattiv u vjolattiv tal-ftehim li gab b’idejh stess fuq perjodu pjuttost wiesa. Ma jistax l-attur jippretendi li jkompli b’appalt ta’ servizz ta’ distribuzzjoni jekk konsistentement ma jonorax l-obbligu tal-hlas ta’ dak li qed jircievi b’detriment serju finanzjarju ghal kommittent. Ghalhekk il-Qorti ma tikkondividx it-tezi tal-attur li jekk sofra dannu bit-terminazzjoni tal-ftehim ta’ appalt, dan kien jahti ghalih il-kommittent.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur